MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 1032/2006

**Paul Mercieca (ID 235352M) personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Civili Deloite & Touche**

**Vs**

**Carmvic Chetcuti Limited (C 13187)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta` Novembru, 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta’ elf, tliet mija u tlettax il-lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,313.75) rapprezentanti bilanc minn somma akbar fuq fattura datata 19 ta` April, 2000 hawn annessa u mmarkata Dok A in konnessjoni ma` servizzi professjonali ta` kontabilita`, revizjoni ta` kontabilita`, konsulenza fiskali, spejjes u VAT.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` ittra nterpellatorja datata 28 ta` Ottubru, 1996 annessa u mmarkata Dok B u bl-imghax dekorribbli mid-data tal-fattura sa l-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta` konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi sabiex dirigenti tas-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment dirigenti ta` l-istess socjeta` konvenuta naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-30 ta` Marzu, 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tat-talba attrici kif dedotta f'dan l-avviz.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, tliet mija u tlettax il-lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,313.75) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-fattura ezebita u mmarkata Dok A u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------